MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 356/2007

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond Borg)**
**Vs**

**Joseph Abdilla**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-24 ta' Settembru, 2004, ghall-habta tal-5.00 p.m., fil-fond 70, Triq Haz-Zabbar, Paola :

1. dahal fil-propjeta' ta' Josephine Bartolo bla permess taghha;
2. kiser il-paci pubblika w l-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;
3. hedded lil Josephine Bartolo bil-kliem u ingurjaha anki bi kliem baxx.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-5 t’Ottubru, 2007, li biha, wara li rat l-artikoli 85 u 338(dd) u 533 tal-Kodici Kriminali, ma sabitx lill-appellant hati tat-tielet akkuza migjuba kontra tieghu w ghalhekk illiberatu minn tali akkuza, izda sabitu hati ta’ l-ewwel u tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu w ikkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ hamsin liri Maltin (LM50) u ordnat lill-appellant ihallas is-somma ta’ mija w tmienja w hamsin liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (LM158.71) spejjez inkorsi fil-hatra ta’ periti.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-17 t’Ottubru, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tannulla s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-5 ta’ Ottubru, 2007 fl-ismijiet Il-Pulizija ( Spettur J. Borg) vs Joseph Abdilla (ID 689559M) u tillibera lill-esponent mill-akkuzi migjuba kontra tieghu; minghajr pregudizzju, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqghax tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena/sanzjoni billi minflok tigi mposta piena/sanzjoni iktar idonea.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe' :- Li in linea generali r-rizultanzi processwali ma jikkonfortawx la l-allegazzjonijiet u lanqas l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant; li hu ma hassx li dahal fil-propjeta ta' Josephine Bartolo minghajr il-permess taghha billi tali permess kien tacitu in kwantu hi ma oggezzjonatx meta dahal u hu hareg meta gie mitlub johrog. Li ma kienx hemm ksur tal-paci pubblika ghax l-iskambju gara fl-proprjeta' privata w ma hemmx provi li kien jinstemgha mit-triq jew li kien ta' inkonvenjent ghall-pubbliku. Li ma jirrizultax li kien hemm theddid jew kliem baxx izda kliem generiku li gie indirizzat mill-partijiet fil-konfront ta' xulxin. Li, minghar pregudizzju, l-appellant kien ipprovokat minn Josephine Bartolo billi din ripetutament kisret l-ordni mahrugha mill-Pulizija w minn

awtoritajiet kompetenti ohra biex tiehu hsieb is-sigurata ta' l-abitazzjoni tal-appellant, tant li sahansitra nqasmu xorok fil-kcina w il-kamra ta' l-ikel. Li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tikkunndanna lill-appellant ihallas l-ispejjez tal-perizja ghax dawn isiru fejn il-kawza issir *ex officio* w mhux bil-kwerela w ma jirrizultax li l-Prosekuzzjoni talbet ghal tali kundanna w ma jidhirx li l-artikolu jirriferi ghall-perizji legali izda biss ghall-perizji teknici w l-appellant qatt ma gie notifikat b' taxxa tal-ispejjez.

Rat illi fl-udjenza tas-6 ta' Dicembru, 2007, L-Avukat Generali kien eccepixxa n-nullita' tar-rikors tal-appell billi kienet intalbet ir-revoka minn flok ir-riforma tas-sentenza appellata;

Semghet lill-Avukat Difensur Gianfranco Gauci u lill Ispettur Jesmond Borg fl-udjenza tas-6 u 14 ta' Dicembru, 2007 dwar x' kien gie deciz ezatt mill-Ewwel Qorti meta kienet qed tinghata s-sentenza verbalment.

Rat in-Nota tal-appellant li biha esebixxa fotokopja tas-sentenza miktuba mill-Magistrat di proprio pugno fuq il-komparixxi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti.

Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-14 ta' Dicembru, 20907, li bih Dr. Aaron Bugeja, ghall-Prosekzzjoni, in vista tad-depozizzjoni tal-Ispettur Jesmond Borg, u ta' Dr. Gianfranco Gauci, rtira l-eccezzjoni tan-nullita' kif ukoll ghamlet il-parte civile.

Semghet it-trattazzjoni;

Rat in-Nota tal-prosekuzzjoni tat-18 ta' Dicembru, 2007, li tirrigwarda l-emenda li saret ghall-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali bl-Att XIII ta' l-2005.

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Li f' dan il-kaz il-provi jinsabu traskritti w, in succint hafna, l-incident kien jikkonsisti filli, peress li kienu qed isiru xi xogholijiet fil-fond tal-parti civili w kienu saru xi hsarat fil-fond tal-appellant, fil-jum u hin imsemmi fic-citazzjoni, l-appellant dahal minn fuq il-bejt tal-parte civile akkompanjat minn Pulizija w gie skambjat xi kliem. Meta Bartolo qaltlu biex johrog, l-appellant kien pront hareg minn hemm.

Skond il-kopja dattilografata tas-sentenza, ghall-inqas, jidher li l-appellant kien gie liberat mit-tielet imputazzjoni li hu ingurja jew hedded bi kliem lill-Bartolo. Invece instab hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u cioe' tar-reat kontravvenzjonali ta' vjolazzjoni tal-proprjeta' w talli kiser il-paci pubblika w il-buon ordni w il-kwiet tal-pubbliku rispettivament. Dan wara li l-Ewwel Qorti akkoljiet il-konkluzzjonijiet tal-perit Dr. J. Buttigieg, imqabbad minnha fir-relazzjoni tieghu, li kellha tifforma parti integrali mis-sentenza. (Fol. 96 u 97).

Li ghalkemm l-appellant jghid li dahal fil-fond ta' Bartolo fuq ordni tas-Surgent tal-Pulizija, PS 72 Galea, s-Surgent xehed li hu ma ta ebda ordni simili lill-appellant. Ghalhekk jigi li, dahal minn fejn dahal, u dahal zgur *ex admissis*, l-appellant ma kellu ebda dritt li jaghmel dan. Din il-Qorti ghalhekk taqbel ma l-ewwel Qorti li l-ewwel imputazzjoni tirrizulta pruvata, sia pure fic-cirkostanzi mitiganti esposti mll-abbli perit legali fir-relazzjoni tieghu (Ara. Fols 26 u 27 tal-process).

Illi dwar it-tieni imputazzjoni ta' storbju w ksur tal-bon ordni, jidher li dan id-diverbju bejn l-appellant u l-parte civile sar fil-prezenza ta' terzi.

Illi, kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Paul Busuttil"** [23.6.1994] per V. De Gaetano J. :-

*"Bhala regola jkun hemm il-kontravvenzjoni ravvizata fl-artikolu 338(dd) tal-Kodici Krminali meta jkun hemm eghmil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar*

*minimu ta' inkwiet jew thassib f' mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita' ta' rejazzjoni ghal dak l-ghemil. Dan ir-reat javvra ruhu meta jkun hemm dak li fl-Common Law jissejjah 'a breach of the peace'. "*

Fl-istess sentenza din il-Qorti kienet ccitat mill-ligi w mill-gurisprudenza Ingliza in materja w kompliet tghid :-

*"The essence of the offence is causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by the Courts. In **Ferguson v. Carnochan** (1889) it was said not necessarily to be " alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace." Alarm may now be too strong a term: in **Macmillan vs. Normand** (1989) the offence as committed when abusive language caused "concern" on the part of policemen.." (p.192)*

Issa kif xehed l-istess PS Galea li assista ghal dan id-diverbu, l-partijiet bdew jillitigaw u jitghajjru bejnithom, tghajjir is-sens ta' kliem baxx kien. L-appellant ghajjar kemm lil Sant kif ukoll lil Bartolo. Ghalhekk hawn ma kienx kaz ta' xi diverbju bejn tnejn min-nies wahedhom fil-maghluq imma ghalih assistew ukoll Surgent tal-Pulizija w persuna ohra.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti kien jirrizulta r-reat kontravvenzjonali in dizamina w l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet htija anki ta' din l-imputazzjoni.

Ghar-rigward tal-ahhar aggravju dwar l-ispejjez peritali, il-ligi ma tiddistingwix bejn perizja legali u ohra ta' natura teknika. Di fatti l-artikolu 533, kif issa emendat bl-Att XIII tal-2005, jarqra hekk :-
*"Meta l-kawza ssir mill-Pulizija <u>ex officio</u>, il-Qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f' kull ordni iehor wara, tkkundanna l-hati jew lil hatjin, lkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih , ghal hlas lir-registratur, ta' l-ispejjez*

*kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x' jaqsmu mall-hatra ta'* <u>*esperti jew periti*</u> *fil-proceduri……"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

Pero' f' dan il-kaz, peress kif jirrizulta mill-kwerela tal-Avukat Tufigno ghan-nom ta' Josephine Bartolo (fols. 2 u3), il-kawza ma tmexxietx mill-Pulizija *ex officio*, jidher li f' dan l-aggravju l-appellant ghandu ragun u li m' ghandux jigi kundannat ghall-ispejjez tal-perizja ghax l-ligi titkellem car f' dar-rigward.

Dwar il-piena pero' stante li nstabet u qed tigi konfermata htija ta' zewg kontravvenzjonijiet skond l-art. 339(0) u 338 (dd), punibbli it-tnejn bl-ammenda w mhux bil-multa, l-piena pekunjarja ghandha tkun dik tal-ammenda w mhux tal-multa, kif erronjament intqal fis-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa l-appell limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu lliberat lill-appellant mit-tielet imputazzjoni w in kwantu sabitu hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni, w tirrevokaha fejn ikkundannat lill-appellant ghall-piena ta' hamsin lira (LM50) multa u fejn ukoll ordnatlu jhallas is-somma ta' mija u tminja w hamsin liri Maltin u wiehed u sebghin centezmu (LM158.71c), spejjez inkorsi fil-hatra ta' periti w, minnflok, tikkundannah biss ghall-ammenda ta' mija w sittax il-Euro u seba w erbghin Euro cents (E116.47c) ekwivalenti ghall-hamsin lira Maltin (LM50), li, jekk ma jithallsux illum stess, jigu konvertiti f' terminu ta' ghaxart ijiem detenzjoni skond l-artikolu 13 u 14 tal-Kap.9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------